MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1145/1996/1

**Korporazzjoni Telemalta**
**u b’ digriet tat-8 ta’ Mejju 1998 l-isem Telemalta Corporation jigi jaqra Maltacom p. l. c.**

**Vs**

**Zoqdi Excavating Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-11 ta’ April 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi waqt illi impjegati tas-socjeta` konvenuta kienu qeghdin jesegwixxu xoghlijiet ta’ thaffir ta’ trinek gewwa Hompesch Road, Fgura fis-27 ta’ Mejju, 1994 ikkawzaw hsara f’ *cable* tat-telefon proprjeta` tal-

korporazzjoni attrici meta kawza ta' imprudenza, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti laqtu l-istess *cable*;

Premess illi l-imsemmija hsara ossia danni jammontaw ghal Lm1079.44 (elf u disgha u sebghin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu) skond ma kif jidher mill-*invoice* Dok. "A" annessa ma' l-att tac-citazzjoni;

Premess ukoll illi s-socjeta` konvenuta kienet giet diversi drabi interpellata thallas dan l-ammont izda baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici fil-*cable* tat-telefon proprjeta` taghha gewwa Hompesch Road, Fgura meta l-istess safa milqut minn impjegati tas-socjeta` konvenuta fis-27 ta' Mejju 1994;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm1079.44 (elf u disgha u sebghin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu) rapprezentanti danni subiti mill-istess sabiex tissewwa l-imsemmija hsara;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 1995, bit-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-12 ta' Awissu 1996, li biha hija eccepiet:-

1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tkun michuda stante li l-hsara fit-*telephone cable* in kwistjoni ma gratx htija tas-socjeta` konvenuta;

2. Illi t-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex tkun kundannata thallas id-danni attrici;

3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet, il-*quantum* tad-danni pretiz huwa esagerat u ma jirriflettix d-danni konsegwenzjali tal-hsara li materjalment u realment kienu subiti mill-korporazzjoni attrici;

4. Illi bla pregudizzju ghat-tliet eccezzjonijiet precedenti, it-talba attrici ghall-hlas ta' l-imghax legali kif dedotta ghandha tkun respinta stante li jekk imghax huwa dovut dan ghandu jiddekorri mhux mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 1995 izda mid-data tan-notifika ta' l-istess;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tat-22 ta' Gunju 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet intavolata mis-socjeta` konvenuta fis-26 ta' Mejju 2004;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

F' din l-istanza s-socjeta` attrici tqieghed bhala bazi tar-reklam taghha ghad-danni di fronte ghas-socjeta` konvenuta l-fatt allegat li din is-socjeta` kienet imprudenti, negligenti u ma osservatx ir-regolamenti fil-kors ta' l-iskavar minnha ezegwit. Is-socjeta` attrici jenhtigilha tipprova allura l-bazi ta' din il-premessa. Dan ghaliex, hi norma tad-dritt procedurali (Artikolu 562, Kapitolu 12) illi min irid javvalla dritt f' gudizzju hu tenut jipprova l-fatti kostitwenti l-fundament tieghu. Tali norma, kif saput, issib sostenn mir-regola tradizzjonali "*onus probandi incumbit ei qui dicit*". Regola din ferm importanti, esprimenti l-esigenza logika li timponi a kariku ta' min jallega fatt id-dmir li jaghti prova sodisfacenti ta' l-ezistenza tieghu. Naturalment, kif maghruf ukoll, f' materja civili, a differenza ta' dik kriminali, huwa bizzejjed ghall-gudikant li l-konvinzjoni tieghu tkun bazata fuq "preponderanza tal-probabilitajiet" (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 319**) estratti mhux biss minn xhieda imma wkoll fuq dawk l-inferenzi li naturalment jitnisslu minnhom;

Premessa din l-introduzzjoni preliminari ghall-kaz hawn ezaminat, jirrizulta inkontestat illi *cable* tas-socjeta` attrici safa milqut u garrab hsarat. Lanqas ma jidher ghal kollox kontrastat illi dan il-*cable* intlaqat waqt l-esekuzzjoni ta' trinkar fit-triq da parte tas-socjeta` konvenuta ghat-tqieghed ta' pipijiet ta' l-ilma. Ara fir-rigward deposizzjoni ta' AIC Robert Sant (fol. 72). Dak li invece hu bil-qawwa kontestat hu l-addebitu ta' htija rinfaccjata lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici;

Ghal dawk li huma l-fatti saljenti jinsab determinat mir-rizultanzi riskontrati illi:-

(1) Is-socjeta` konvenuta kienet giet issubappaltata tesegwixxi xoghlijiet ta' thaffir f' perkors li jibda minn Hompesch Gate u jibqa' sejjer fit-triq li taghti ghac-centru ta' Haz-Zabbar b' estensjoni aktar 'il fuq. Skond ix-xhud Victor Busuttil (fol. 48), senior technician fl-Overseer Section tas-socjeta` attrici, kienet saret applikazzjoni ghall-awtorizzazzjoni mehtiega mis-socjeta` Philip Agius &

Sons Ltd, li min-naha taghha ssottokuntrattat ix-xoghlijiet ta’ skavar lis-socjeta` konvenuta;

(2) Jinghad mix-xhieda Andrew Caruana (fol. 38) u Paul Darmanin (fol. 41) overseers mal-kumpanija attrici, illi bhala procedura meta ssir applikazzjoni bhal din ghat-thaffir fit-toroq huma jimmarkaw *in situ* fejn jkunu ghaddejjin il-*cables*. B’ danakollu filwaqt li Andrew Caruana jistqarr li fil-kaz in ezami fid-dati rilevanti ma kienet saret l-ebda applikazzjoni, ix-xhud l-iehor Paul Darmanin jiddikjara li s-socjeta` attrici kienet awtorizzat x-xoghlijiet matul il-gimgha. Irid jinghad ukoll illi dan l-ahhar imsemmi xhud eskluda pero` li kellhom indikazzjoni li fil-*weekend* kien ser isir xi xoghol;

(3) Robert Sant, arkitett inkarigat mis-socjeta` konvenuta, jispjega b’ mod generali l-prassi adottata f’ kazijiet ta’ xoghol ta’ trinkar. Hekk isemmi illi jsiru *trial pits* biex tkun accertata l-presenza tal-*cables* u l-fond taghhom ghall-fini li tigi stabbilita l-ahjar rotta ta’ skavar;

(4) Jirrizulta bhala fatt mix-xhieda ta’ Victor Busuttil illi ghall-iskop ta’ immarkar is-socjeta` attrici tidentifika l-perkors tal-*cables* fuq id-*drawings* taghha taz-zona partikulari u mhux permezz ta’ strumenti. Jidher li kien dan il-fatt li nduca lill-Arkitett Sant jikkummenta b’ osservazzjoni s-suspett tieghu li ma ntuzax *detector* biex jimmarka l-*cable* u li kieku dan intuza kien jaghti *marking* aktar akkurat u preciz (fol. 75);

(5) Dejjem skond l-imsemmi Arkitett Sant fil-kaz in kwestjoni l-*cable* li ntlaqat instab effettivament xi nofs metru imbieghed mill-marka li kienet indikat is-socjeta` attrici. Dan hu hekk konfermat ukoll minn Joe Camilleri (fol. 57), rapprezentant tas-socjeta` attrici;

(6) Irid jigi osservat illi apparti li din il-kostatazzjoni ma gietx kombattuta mis-socjeta` attrici, din l-istess socjeta` lanqas ma hi preciza meta okkorra l-fatt li ta lok ghall-hsara. Hekk l-Inginier Frank Baldacchino (fol. 16) isemmi bhala data ta’ l-incident il-25 ta’ Mejju 1994. Invece kemm l-okkorrenza (fol. 20) kif ukoll ic-citazzjoni

jistabbilixxu d-data tas-27 ta’ Mejju 1994. Min-naha tieghu x-xhud Robin Wright (fol. 30), technical Officer mas-socjeta` attrici, jiddikjara li x-xoghlijiet riparatrici saru fis-26 ta’ Mejju 1994. Sinifikanti, imbaghad, f’ dan l-istess kuntest hi r-rimarka fid-dokument intern tal-kumpanija attrici esebit a fol. 45 li turi li d-dannu “*might have occurred between the 20 and 22 May 1994* <u>*i.e.*</u> *on a weekend*”;

Precizati dawn il-fatti huwa maghruf illi fejn jidhlu xoghlijiet ta’ thaffir fi triq pubblika jidher li l-ligi u r-regolamenti li jghoddu jezigu b’ obbligu li min ser jikkonduci dawn ix-xoghlijiet ghandu preventivament jottjeni l-permessi relattivi. Dan johrog bil-wisq car minn certi disposizzjonijiet tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10) taht Taqsima II - Fuq it-Toroq. Fil-kaz in diskussjoni tali awtorizzazzjoni jidher li giet ottenuta mill-kuntrattur responsabbli;

Huwa pero` bil-wisq logiku u daqstant iehor ovvju illi l-otteniment wahdu tal-permess ma jistax jitqies *per se* bizzejjed biex jezimi lill-kuntrattur inkarigat mix-xoghlijiet mir-responsabilita jekk fil-fatt tkun saret hsara u jkun gie stabbilit li l-kuntrattur ma jkunx ha prekawzjonijiet sufficjenti biex jezegwixxi x-xoghlijiet b’ dik l-attenzjoni u b’ dik id-diligenza mistennija minn *bonus paterfamilias* fil-kaz specifiku. Dan qed jigi rilevat in kwantu jibqa’ dejjem il-fatt li min jiftah triq dan jaghmlu dejjem a riskju tieghu u l-permess jinghata taht il-kondizzjoni espressa li jekk issir xi hsara din tigi riparata a spejjez tieghu;

Naturalment jitnissel minn dan in linea ta’ massima illi ebda tort ma jista’ jigi attribwit lill-kuntrattur jekk dan ikun segwa u kkonforma ruhu ma’ l-istruzzjonijiet u l-immarkar stabbilit u jkun determinat ukoll illi fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet hu jkun adopera ruhu bil-galbu u skond il-kriterji maghrufa tas-sengha u ta’ l-arti taht il-harsien ta’ professjonist kwalifikat. F’ kazijiet konsimili wiehed ma ghandux jezigi aktar minn daqshekk;

Dan dedott, hi l-fehma ta' din il-Qorti illi fil-kaz partikolari s-socjeta` attrici naqset li tiddisimpenja ruhha kif suppost u kif kien mistenni minn min hu mghobbi bil-piz tal-prova. Fir-rigward taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

I. In linea preliminari din il-Qorti ma tistax ma tiddenotax il-punt illi s-socjeta` attrici ma kienet xejn preciza dwar meta verament sehh l-incident. Fl-istat konfuzjonarju tal-provi fuq dan l-aspett hu difficli li din il-Qorti taccetta bhala accertata l-allegazzjoni illi x-xoghlijiet saru fil-*weekend*, ad insaputa tas-socjeta` attrici;

II. Aktar fundamentali minn hekk ma jidherx li s-socjeta` attrici rnexxielha konvincentement tistabbilixxi vjolazzjoni ta' dmir jew ommissjoni ta' diligenza da parte tas-socjeta` konvenuta. Fl-istat tar-rizultanzi processwali ma jidherx li gabet dik il-prova kardinali li tirrikollega imgieba imputabbli, karatterizzata minn *culpa*, da parte tas-socjeta` konvenuta ma' l-event dannuz. Dan qed jinghad ghaliex mhux biss ma giex stabbilit li l-kumpanija konvenuta hadmet fi granet mhux akkordati jew awtorizzati izda fuq kollox ma gietx lanqas newtralizzata d-difiza tas-socjeta` konvenuta illi fejn intlaqat il-*cable* ma kienx hemm immarkar tant li, skond il-Perit Robert Sant, "il-marka kienet nofs metru *off centre* minn fejn effettivament kien hemm il-*cable.*" (fol. 74/75);

III. Huwa dezumibbli illi hekk kif min hu nkarigat bl-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet fit-toroq ghandu, b' osservanza, isegwi l-ligijiet u r-regolamenti daqstant iehor hu mistenni, imbaghad, illi min fil-pussess tieghu ghandu t-taghrif mehtieg dwar servizzi ghaddejjin taht wicc it-triq hu fid-dover li jindika b' mod akkurat il-medda ta' dawn l-istess servizzi. Ma jista' qatt ikun accettat illi l-indikazzjoni permezz ta' mmarkar tkun biss wahda approssimattiva, estratta minn *records* li jistghu wkoll ikunu korretti, biex jippretendi li ghandu jakkolla htija fuq il-kuntrattur ghal dak li jissucciedi. Kwalsiasi argoment ta' dan il-generu ma jistax jitqies valevoli jew legittimu. Ir-raguni ghal din ir-riflessjoni hi bil-bosta semplici. Ma tistax tkun akkordata,

bhala bazi ta' gudizzju ta' xi kawzalita` adegwata, l-allegazzjoni ta' kondotta kolpuza imputabbli f' min ikun adempixxa ruhu ma' l-osservanzi minnu mistennija, kif hekk sar proprju f' dan il-kaz mis-socjeta` konvenuta. L-azzjoni attrici, hekk fondata fuq in-negligenza, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti, li baqghu ma gewx provati, ghallanqas sodisfacentement, ma tistax allura tirnexxi u qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq dedotti u bl-akkoljiment ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez jibqghu sopportati minn din l-istess socjeta`.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------